# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru2**

**Rikors Numru 807/13 TA**

1. **Marsascala Properties Limited C-23352**
2. **Tania Deguara ID 965246M**
3. **Charles Attard ID 50242M**
4. **Joseph Attard ID 682840M u b'digriet tat-3 ta' Frar, 2020 stante l-mewt ta' Joseph Attard fil-mori tal-kawza, il-gudizzju f'ismu gie trasfuz f'isem Maria Brincat [K.I. 252868M] u Josephine Mary Attard [K.I. 671440M]**
5. **Carmen Azzopardi ID 405847M**

**vs**

1. **Mary Zammit nee Vremona ID 994748M mart Frank Zammit**
2. **Antoinette Cremona ID 82151M**
3. **Monsinjur Dun Victor Grech ID 690629M**
4. **Miriam Sammut nee Grech ID 94532M mart Carmelo Sammut, u b'digriet tas-7 ta' Frar 2017 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Theresa sive Marthese Xuereb (I.D. 573852M) u Carmel Victor sive Charles Sammut (I.D. 399957M) bhala ulied u l-unici eredi tal-istess Miriam Sammut gja' armla ta'**

Carmelo Sammut peress li mietet fil-mori tal-kawza.

5. Joe Grech ID 155834M
6. Ruth Degiovanni nee Dalmas ID 4748M mart Tony Degiovanni
7. Mario Chircop nee Dalmas ID 480040M mart Charles Chircop
8. Charles Mercieca ID 742343M
9. Tony Mercieca ID 512154M
10. Grace Camilleri nee Mercieca ID 300941M
11. Mary Grace Pace nee Mercieca ID 300941M mart Louis Camilleri u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2023 stante l-mewt ta' Mary Grace Pace fil-mori tal-kawża l-ġudizzju f'isimha ġie trasfuz f'isem William Pace ID54343M
12. Margaret Sammut nee Mercieca ID 53152M mart Alfred Sammut
13. Christian Mercieca ID 202388M u huh Marlon Mercieca ID 500590M bhala eredi tal-mejjet alfred Mercieca u Angela Mercieca ID 756756M mart l-istess Alfred
14. Oreste Mercieca ID 844057M
15. Charlie Mercieca ID 340345M
16. Joe Mercieca
17. Carmen Aquilina nee De Carlo ID 652346M mart Emanuele De Carlo
18. Mary Xerri De Carlo ID 567045M mart Michael
19. Anna Maria De Carlo ID 512054M
20. Raymond Gafa ID 783058
21. Miriam Spiteri nee Gafa ID 783158M; u b'digriet tas-26 ta' Frar 2014 l-atti gew trasfuzi f'isem Michael Spiteri (K.I. 159184M) u Stephanie Spiteri (K.I. 455485M) bhala eredi tal-mejta ommhom Miriam Spiteri
22. Carmen Thornton nee Busuttil
23. Freddy Busuttil
24. Joe Busuttil
25. Laurence Busuttil
26. u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2013 gew nominati Dr Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello bhala

**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita' ta' Emma Busuttil;**

27. **lill-eredi mhux maghrufa ta' Saviour Zerafa; u lill-eredi ta' Joseph Camilleri bil-karta tal-identita' 84833M**

**u b'nota tat-3 ta' Frar 2014 Katia Degiovanni (K.I. 522375M), Adriana Chircop armla ta' Karl Chircop (K.I. 21266M) f'isimha proprju u fl-interess ta' binha minuri Keith Chircop (K.I. 273899M), Dr. Jan Chircop (K.I. 28787M), Francesca Chircop (K.I. 473893M) u Christian Chircop (K.I. 3296M), Mary Eliza sive Mariza Debono (K.I. 235264M) f'isimha proprju u bhala mandatarja specjali ta' ohtha msiefra Tatiana Rollick (K.I. 97670M), fil-kwalita taghhom ta' successuri tal-mejta Emma Busuttil assumew l-atti minflok l-imsemmija kuraturi deputati in rapprezentanza tal-eredita ta' Emma Busuttil;**

**u b'digriet tat-8 ta' April 2014 l-istess kuraturi deputati gew estromessi milli jirraprezentaw l-eredita ta' Saviour Zerafa stante li minflokhom giet nominata Helen Zerafa (K.I. 6449M)**

28. **Raphael Buttigieg ID 567359M**
29. **Janet Clews ID 82758 (M)**
30. **u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2013 gew nominati Dr Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi ta' Frankie Grima;**
31. **lill-eredi ta' Carmelo Bugeja bil-karta tal-identita 1006946M u b'digriet tal-11 ta' Marzu 2020, l-istess kuraturi deputati gew estromessi milli jirraprezentaw lill-eredi ta' Carmelo Bugeja stante li fil-konfront tal-eredi ta' Carmelo Bugeja l-atti gew ceduti;**
32. **lill-eredi ta' Tony Magro, u**
33. **lill-eredi ta' Angelo Busuttil u martu Irene Busuttil;**

**u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2013 Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Charles u Joseph, ahwa Spiteri, li gew kjamati b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2013.**

**u b'digriet tal-11 ta' Marzu 2020 l-Avukat Dr. Martin Feneech gie nominat bhala kuratur deputat minflok l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace biex jirraprezenta lill-eredi mhux maghrufa ta' Joseph Camilleri, ta' Frankie Grima, ta' Tony Magro u ta' Angelo Busuttil u martu Irene Busuttil.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Marsascala Properties Ltd u oħrajn (l-Atturi) tat-23 t' Awwissu 2013 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

1. "*Illi r-rikorrenti huma s-sidien indiviżi ta' tlett porzjonijiet ta' art u ċioe':*

- *L-għalqa magħrufa 'It-Taffalija sive it-Taflija sive tal-Ħajt il-Wied' limiti taż-Żejtun, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka sebat elef u tmien mitt metro kwadru, tikkonfina mill-Grigal ma' beni tal-familja mlaqma Taċ-Ċaqma, kunjomhom Busuttil, nofsinhar ma' beni tal-familja tat-Tunaja u Majjistral ma' beni tal-familja Gatt imlaqqma ta' Belen soġġetti għal qbila versu terzi;*
- *L-għalqa imsejħa 'Ta' Kukku sive San Spiridjun', f' Marsascala ġia fil-limiti taż-Żejtun tal-kejl superfiċjali ta' tlett elef mija u tnjen u tmenin punt sitt deċimali li tikkonfina mill/Grigal ma' Triq Vittorio Cassar, Lbiċ ma' spazju pubbliku li jappartjeni ma' Triq il-Gardiel u Lvant u Nofsinhar ma' beni ta' Lay Lay Company Limited jew suċċessuri;*
- *L-għalqa ta' 'San Niklaw' jew 'Tal-Kosor' jew 'Tal-Kotob' fil-kontrada San*

*Niklaw limiti taż-Żejtun tal-kejl superfiċjali ta' ċirca tlett elef u tlett mitt metro kwadru li tikkonfina mill-Lbiċ ma' Triq Xrobb l-Għaġin, Majjistral ma' sqaq bla isem minn fejn hi aċċessibbli u Grigal ma' beni tal-familja ta' Żjoga jew irjieħ verjuri.*

2. *Il-percentaġġ ta' ismha li r-rikorrenti għandhom huwa 59.31% Marsascala Properties, mentri 18.31% il-konjuġi Deguara, u 18.31% il-konjuġi Attard u Azzopardi;*
3. *Illi l-intimati jew min minnhom huma is-sidien tar-rimanenti 4.06% indiviżi ta' l-art jew porzjon ieħor li jistgħa jirriżulta waqt il-kawża;*
4. *Illi r-rikorrenti ma jixtiequx li jibgqħu fi stat ta' kopropjeta' mal-intimati u għalhekk qed jipprosegwu f' din l-istanza.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi, tiddikjara u tikkonferma li r-rikorrenti huma proprjetarji ta' 95.94% indiviżi ta' l-artijiet hawn fuq imsemmija jew sehemijiet verjuri f'każ li r-rikorrenti jakkwistaw fil-mori sehemijiet ohra, mentri l-intimali jew min minnhom huma proprjetarji tar-rimanenti 4.06% indiviż tal-art hawn fuq imsemmija jew sehemijiet inqas skond il-każ;*
2. *Tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-proprjeta' hekk miżmuma inkomun bejn l-partijiet u hawn fuq deskritta;*
3. *Tiddividi u tassenja f'porzjonijiet l-istess proprjeta', kemm-il darba l-istess hija komodament diviżibbli u għal dan il-għan tinnomina Perit ħalli jħejji pjan ta' qasma, Nutar ħalli jirrediġi l-Att Pubbliku relattiv ta' diviżjoni u Kuraturi Deputati ħalli jirrappreżentaw lill-eventwali*

*kontumaċi fuq dan l-att pubbliku;*

4. *Tiffissa ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-istess att;*

5. *Tordna, f'każ li l-istess art hawn fuq deskritta mhiex komodament diviżibbli, il-bejgħ in licitazzjoni tal-istess billi tiġi appuntata ġurnata, ħin u lok għall-istess bejgħ*."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Raphael Buttigieg (I.D. 567359M) ippreżentata fit-30 ta' Jannar 2014 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa is-segwenti:-

"1. *Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi l-esponenti m' għandu l-ebda oġġezzjoni sabiex issir id-diviżjoni tal-art mertu tal-kawża odjerna;*

2. *Illi l-esponenti jixtieq li tiġi kkonfermata l-veraċita' tal-persentaġġi tal-ishma ċitati mill-atturi permezz tad-dokumentazzjoni u l-esperti opportuni, kif ukoll permezz ta' pjanti indikattivi tat-titlu tal-art;*

3. *Illi dan jista' jsir biss billi jsiru ir-riċerki neċessarji sabiex jiġi indikat it-titlu tal-art u għaldaqstant jiġu individwati l-ishma ta' kull parti fil-kawża odjerna, filwaqt li jinħatar perit jew espert tekniku sabiex jagħmel pjanta bil-proposti tiegħu dwar kif għandha issir id-diviżjoni;*

4. *Illi l-esponenti m'għandu jbati l-ebda spejjeż minħahhab f'dawn il-proċeduri peress illi huwa qatt m'rċieva talba sabiex issir din id-diviżjoni u għaldaqstant żgur li qatt m'oppona għal xi talba ta' l-atturi f'dan is-sens;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*."

Rat in-nota ta' Helen Zerafa (I.D. 6449M), waħda mill-eventwali konvenuti, ppreżentata fis-6 ta' Novembru 2013 illi tali nota teċċepixxi s-segwenti:-

"*Li permezz tagħa tiddikjara li qiegħda taċċetta l-bandi sabiex tirrappreżenta l-eredita' tal-allura mejjet żewġha Saviour Zerafa li miet fl-20 taż April 2011*."

Rat ukoll id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' April 2014 fejn tali Onorabbli Qorti ikkonfermat lill-istess Helen Zerafa bħala kuratur għal finijiet kollha tal-Liġi.

Rat illi ġiet intavolata nota minn Katia Degiovanni (I.D. 522375M), Adriana Chircop armla ta' Karl Chircop (I.D. 212966 M) f'isimha proprju u fl-interess ta' binha minuri Keith Chircop (I.D. 273899M), Dr. Jan Chircop (I.D. 28787M), Mary Elizabeth sive Mariza Debono (I.D. 235264M) f'isimha proprju u bħala mandatarju speċjali ta' oħtha msiefra Tatiana Rollick (I.D. 97670M) ippreżentata fit-3 ta' Frar 2014, liema nota tgħid illi huma s-suċċessuri tal-mejta Emma Busuttil u

"*Li permezz tagħa, filwaqt li jiddikjaraw li ħadd minnhom ma kien notifikat bil-bandi, qed jassumu l-atti, fil-kwalita' premessa, minflok il-kuraturi Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello nominati b'digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Diċembru 2013 biex jirrappreżentaw l-eredita' ta' Emma Busuttil*."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ta' Monsinjur Dun Victor Grech (I.D. 690629M), Miriam Sammut nee' Grech (I.D. 94532M), Joe Grech (I.D. 155834M), Ruth Degiovianni nee' Dalmas (I.D. 4748M), Marion Chircop nee' Dalmas (I.D. 480040M), Charles Mercieca (I.D. 742343M), Tony Mercieca (I.D. 512154M), Grace Camilleri nee' Mercieca (I.D. 300941M), Mary Grace Pace

nee' Mercieca (I.D. 300941M), Margaret Sammut nee' Mercieca (I.D. 531152M), Christian Mercieca (I.D. 202388M) u ħuh Marlon Mercieca (I.D. 500590M) bħala eredi tal-mejjet Alfred Mercieca u Angele Mercieca (I.D. 756756M) mart l-istess Alfred, Oreste Mercieca (I.D. 844057M) f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-assenti Joe Mercieca, Carmen Thorton nee' Busuttil, Freddy Busuttil, Joe Busuttil, Laurence Busuttil, Charlie Mercieca (I.D. 340345M), Carmen Aquilina nee' De Carlo (I.D. 652346M), Mary Xerri De Carlo (I.D. 567045M), Anna Maria De Carlo (I.D. 512054M), Raymond Gafa' (I.D. 783058M), Michael Spiteri (I.D. 159184M), Stephanie Spiteri (I.D. 455485M), Janet Clews (I.D. 82758M), Katia Degiovanni (I.D. 522375M), Adriana Chircop (I.D. 212966 M) f'isimha proprju u fl-interess ta' binha minuri Keith Chircop (I.D. 273899M), Mary Elizabeth sive Mariza Debono (I.D. 235264M) f'isimha proprju u bħala mandatarju speċjali ta' oħtha msiefra Tatiana Rollick (I.D. 97670M) ppreżentata fil-11 ta' Frar 2014 li permezz tagħha wieġbu u eċċeppew is-segwenti:-

1. "*Preliminarjament l-eċċipjenti jirrilevaw li huma għadhom ma ġewx notifikati skond il-liġi bir-Rikors Ġuramentat u lanqas bid-dokumenti hemm annessi;*
2. *Fil-mertu, l-atturi għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom dwar il-proprpjeta' mertu tal-kawża, u l-kwoti allegati minnhom, fost oġrajn billi jipproduċu arblu tar-razza u riċerki sħaħ dwar il-proprjeta' u l-komproprjetarji kollha;*
3. *Inoltre, u mingħajr preġudizzju, l-atturi għandhom jagħtu spjegazzjoni teknika tal-valutazzjoni tal-proprjeta' li jistrieħu fuqha;*

4. *F'kull każ, u mingħajr preġudizzju, l-eċċipjenti m'għandhomx ibatu l-ispejjeż billi huma qatt ma rċevew ebda sejħa mingħand l-atturi sabiex jersqu għax-xoljiment tal-allegata komunjoni bejniethom dwar il-proprjeta' in kwistjoni*."

Rat ir-rikors ippreżentat minn Michael Spiteri (I.D. 159184M) u Stephanie Spiteri (I.D. 455485M) ppreżentat fl-24 ta' Frar 2014 li permezz tiegħu eċċipew is-segwenti:-

"*Illi huma saru jafu b'kumbinazzjoni b'din il-kawża intavolata wkoll kontra ommhom Miriam Spiteri.*

*Illi l-imsemmija Miriam Spiteri mietet fl-14 ta' Lulju 2011 u wirtuha l-esponenti uliedha Michael Spiteri u Stephanie Spiteri, f'ismha indaqs bejniethom, billi ż-żwież tagħha kien annullat qabel il-mewt tagħha.*

*Illi huma għalhekk meħtieġ li l-atti ta' din il-kawża jgħaddu fil-persuna tal-esponenti Michael Spiteri u Stephanie Spiteri minflok il-mejta ommhom Miriam Spiteri.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha torna, ai termini tal-artikolu 807(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li l-kawża tgħaddi fil-persuna tagħhom minflok l-intimata Miriam Spiteri*."

Rat in-nota ppreżentata mill-konvenuti Mary Zammit nee' Cremona (I.D. 994748M) mark Frank Zammit u oħtha Antoinette Cremona (I.D. 822151M) datatta 7 ta' Marzu 2014 u li eċċeppew is-segwenti:-

"*Li biha jiddikjaraw li ma għandhomx interess fl-eżitu ta' din il-kawża u għalhekk*

*jitolbu li jiġu liberati mill-osservazzjoni tal-ġudizzju*."

Rat ir-rikors ippreżentat minn Maria Theresa sive Marthese Xuereb u ħuha, Carmel Victor sive Charles Sammut li huma l-eredi ta' waħda mill-konvenuti u ċioe' ta' Mary Sammut.

Rat in-nota ippreżentata mill-atturi fejn ċedew il-kawża fil-konfront ta' Helen Zerafa kemm personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Saviour Zerafa.

Rat in-nota konġunta finali ippreżentata mill-atturi u minn bosta konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat li din il-Kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fis-6 ta' Ġunju, 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punt ta' fatti</u>**

**1.** Il-partijiet huma komproprjetarji fi tliet proprjetajiet u ċioe' fis-segwenti proprjetajiet:

a. L-għalqa magħrufa 'It-Taffalija sive it-Taflija sive tal-Ħajt il-Wied' limiti taż-Żejtun, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka sebat elef u tmien mitt metro kwadru, tikkonfina mill-Grigal ma' beni tal-familja mlaqma Taċ-Ċaqma, kunjomhom Busuttil, nofsinhar ma' beni tal-familja tat-Tunaja u Majjistral ma' beni tal-familja Gatt

imlaqqma ta' Belen soġġetti għal qbila versu terzi;

b. L-għalqa imsejħa 'Ta' Kukku sive San Spiridjun', f' Marsascala ġia fil-limiti taż-Żejtun tal-kejl superfiċjali ta' tlett elef mija u tnjen u tmenin punt sitt deċimali li tikkonfina mill/Grigal ma' Triq Vittorio Cassar, Lbiċ ma' spazju pubbliku li jappartjeni ma' Triq il-Gardiel u Lvant u Nofsinhar ma' beni ta' Lay Lay Company Limited jew suċċessuri;

c. L-għalqa ta' 'San Niklaw' jew 'Tal-Kosor' jew 'Tal-Kotob' fil-kontrada San Niklaw limiti taż-Żejtun tal-kejl superfiċjali ta' ċirca tlett elef u tlett mitt metro kwadru li tikkonfina mill-Lbiċ ma' Triq Xrobb l-Għaġin, Majjistral ma' sqaq bla isem minn fejn hi aċċessibbli u Grigal ma' beni tal-familja ta' Żjoga jew irjieħ verjuri.

**<u>Punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet u konsiderazzjonijiet</u>**

**2. In-notifika tal-konvenuti**

Diversi konvenuti eċċepew illi huma ma kinux notifikati b'din il-kawża skont il-Liġi. Biss pero', din il-Qorti tinnota illi l-konvenuti huma kollha nnotifikati għaliex jew ippreżentaw risposta jew kienu appuntati l-kuraturi deputati u allura din il-Qorti taqbel man-nota tas-soċjeta' Attriċi f'dan is-sens (ara a' fol. 348A). Il-Qorti ma taqbilx ma dak li jissottomettu diversi konvenuti fin-nota ippreżentata minnhom u li tinsab a fol. 350 illi hemm xi konvenuti li mhumiex notifikati. Il-fatt illi xi konvenuti ma ppreżentawx risposta ġuramentata ma jfissirx illi tali konvenuti mhumiex notifikati bil-kawża.

**3. Il-ħatra tal-kuraturi deputati**

Il-konvenuti eċċeppew illi fit-talba oriġinali tagħhom għall-ħatra ta' kuraturi, l-

Atturi naqsu milli jindikaw għal min kienu qed jitolbu din il-ħatra u rreferew għall-Artikolu 929 tal-Kap. 16 (a fol. 446).

Biss pero', din il-Qorti tinnota illi tali talba xorta kienet waħda ġusta min-naħa tal-Atturi u taqa' taħt l-Artikolu 929 (c) stante illi tali sub-artikolu jipprovdi illi tali ħatra ssir sabiex ikun hemm ippreżentat "*l-interess ta' persuna maħsuba mejta, meta persuna oħra tkun trid tidħol fil-jeddijiet ta' dik il-persuna*."

**4. Persuni mhux imsemmija fil-kawża**

Huwa fatt illi l-Atturi dehru fuq il-kuntratti ma' żwieġhom b'dan illi allura tali sehem hu parti tal-Atturi u parti ta' żwieġhom. Hu fatt ukoll li tali persuni ma kinux parti minn din il-kawża. Biss pero', kemm jekk tali proprjeta' tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u anke jekk applikaw ir-reġim tas-separazzjoni tal-assi, tali atturi kellhom id-dritt illi xorta waħda jagħmlu din il-kawża. Se mai, din il-Qorti tqis illi hemm l-artikolu 1326 Kap. 16 fejn zwieġhom jistgħu jieħdu azzjoni kontra l-atturi stess jekk kemm-il darba żwieġhom jallegaw illi saru xi atti ta' amministrazzjoni straordinarja mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra fiż-żwieġ. Pero' jidher ċar mill-proċess illi ma hemm ebda tali diżgwid bejn l-atturi u żwieġhom stante illi qatt ma saret ebda kawża f'dan is-sens u għalkemm qatt ma ġew mgħajta bħala kjamati in kawża jidher illi kienu disposti li jekk il-konvenuti jibqgħu jinsistu isir dan.

**5. Il-kwoti tal-partijiet kollha imsemmija f'dawn il-proċeduri**

**a. Il-porzjon tal-atturi**

Tul il-proċess jidher ċar illi Carmela Azzopardi kienet għamlet testment fit-13 t' Awwissu 1921 fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi li pero' dan it-testment kien ġie annullat u tali wirt kien imbagħad regolat fit-tranżazzjoni tal-kawża li kien hemm fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Mejju 1926. F'din it-tranżazzjoni jidher illi kien hemm diversi persuni illi rċevew sehem mill-wirt inkwistjoni, fosthom Emanuele Spiteri, Giuseppe Spiteri, Carmelo Spiteri, Alfonso Maria Spiteri, Fortunata Spiteri u Giovanni Spiteri.

Jidher illi ġie ppreżentat ukoll l-arblu tar-razza fil-proċess li jirrifletti t-tranżazzjoni datata16 ta' Mejju 1926.

Minn dan il-wirt saru diversi bejgħ u/jew wirt iktar 'il quddiem. Għaldaqstant, punt ieħor ta' kontestazzjoni bejn l-atturi u l-konvenuti hu l-persentaġġ illi kull persuna għandha f'isimha u li din il-Qorti kellha tħares bir-reqqa lejn il-kuntratti illi ġew ippreżentati mill-partijiet.

<u>Fir-rigward tal-attur Marsascala Properties Limited, din il-Qorti kellha a dispożizzjoni tagħha mill-partijiet l-imsemmija kuntratti:</u>

Fl-24 ta' Mejju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Mary Grech Pace, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' ħdax minn sitt mitt porzjon (11/600) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 178 sa 180).

Fl-24 ta' Mejju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tnejn u sittin minn tliet mija u

sittin porzjon (62/360) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 228 sa 229).

Fl-24 ta' Mejju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tnejn u sittin minn sebgħa mija u għoxrin porzjon (62/720) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 230 sa 231).

Fit-22 ta' Ġunju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont globali ta' ħamsa minn elfejn mija u ħamsin porzjon (5/2150) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 154 sa 156).

Fit-22 ta' Ġunju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' erbgħa minn ħames porzjonijiet (4/5) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 219 sa 222).

Fil-25 ta' Ġunju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ ammont iehor indiviz iżda **tali kuntratt ma hux ippreżentat fil-kompletezza tiegħu f'dawn il-proċeduri b'dan illi din il-Qorti kellha viżibilita' limitata u ma setgħetx tiddetermina l-ammont li nxtara bi precizjoni** (a fol. 214).

Fis-27 ta' Ġunju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn

ħamsin porzjon (1/50) (a fol. 236 sa 237). **Biss pero' dan l-ammont ma hux ċar għaliex hemm ukoll imniżżel 1/60**.

Fis-27 ta' Ġunju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tlieta minn sittin porzjon (3/60) (a fol. 238 sa 239).

Fit-3 ta' Lulju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont globali ta' wieħed minn ħamsin porzjon (1/50) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 176 sa 177).

Fit-3 ta' Lulju 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont globali ta' ħames mija u tmienja u għoxrin minn għaxart elef porzjon (528/10000) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 232 sa 235).

Fil-31 ta' Awwissu 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' l-ammont ta' tnejn minn elf u ħamsin porzjon (2/1050) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 134 sa 137).

Fis-17 t'Ottubru 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tlieta minn elfejn u tmien mitt porzjon (3/2800) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 159 sa 160).

Fis-7 ta' Diċembru 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, Marsascala Properties Limited akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont globali ta' tlieta minn elfejn u tmien mitt porzjon (3/2800) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 157 sa 158).

Fid-29 ta' April 2011, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni biegħu lil Marsascala Properties Limited l-ammont globali ta' elf erba' mija u tnejn u ħamsin minn sitta u tletin elf porzjon (1452/36000) fit-tliet proprjetaijiet hawn fuq imsemmija taħt il-paragrafu wieħed (a fol. 138 sa 139).

Fl-1 ta' Frar 2012, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties Limited elf erba' mija tlieta u ħamsin minn erbgħin elf u ħames mitt porzjon (1453/40500) (a fol. 142 sa 144).

Fit-23 ta' April 2012, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties Limited wieħed minn sitt mitt porzjon (1/600) (a fol. 199).

Fil-11 ta' Lulju 2012, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties Limited ħamsa minn elf porzjon (5/1000) (a fol. 186).

Fil-11 ta' Settembru 2012, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties Limited ħamsa u għoxrin minn għaxart elef porzjon (25/10000) (a fol. 187).

Fl-24 ta' Settembru 2012, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties wieħed minn tliet mija u ħamsa u sebgħin porzjon (1/375) (a fol. 204 sa 205).

Fil-15 ta' Ottubru 2012, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties wieħed minn tliet mitt porzjon (1/300) (a fol. 202 sa 203).

Fit-30 ta' Lulju 2013, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties Limited ħmistax minn għaxart elef porzjon (15/10000) (a fol. 188 sa 189).

Fit-28 ta' Awwissu 2015, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties Limited elfejn u tliet mija u tlieta u għoxrin minn tmintax-il elf u erba' mitt porzjon (2323/518400). Dan hu pero' kuntratt ta' korrezzjoni liema kuntratt oriġinali hu datat 10 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri (a fol. 393 sa 398).

Fl-24 ta' Frar 2017, fl-atti tan-Nutar Dr. Stefania Marmorato, terzi persuni ttrasferew u biegħu lil Marsascala Properties Limited wieħed minn elf u ħames mitt porzjon (1/1500) (a fol. 458 sa 462).

**<u>B'dan illi għaldaqstant it-total globali f'persentaġġ hekk kif ippreżentat mis-Soċjeta' Attriċi fil-proċess jammonta għal 52.443%.</u>**

Fir-rigward tal-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D.

682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M), din il-Qorti tinnota illi tali atturi ser ikunu qegħdin ikunu kkunsidrati kollha flimkien *stante* illi dejjem akkwistaw flimkien u kien hemm ukoll żwieġhom għalkemm dawn ma mhumiex parti mill-okkju tal-kawża.

Fir-rigward tal-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M), din il-Qorti kellha a dispożizzjoni tagħha mill-partijiet l-imsemmija kuntratti:

Fit-8 ta' Novembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool, Joseph Attard (I.D. 256214M) ta b'titolu ta' donazzjoni lid-donatarji Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) u b'dan illi kull donatarju irċieva skond l-istess Att sehem ta' wieħed minn mija porzjon indiviżi (1/100) tat-tliet proprjetajiet imsemmija fil-paragrafu wieħed u ċioe' wieħed minn tliet mitt porzjon kull wieħed (1/300) (a fol. 129 sa 133).

Fl-14 ta' Frar 2000, fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone, Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw porzjon **b'dan illi pero' tali porzjon ma jidhirx ċar mill-kuntratt ippreżentat (**a fol. 224 sa 226).

Fl-4 ta' Lulju 2000, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tlieta minn tmien mitt porzjon (3/800) (a fol. 145 sa 149).

Fit-12 ta' Lulju 2000, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn sitt mitt porzjon (1/600) flimkien ma' żwieġhom (a fol. 193 sa 195).

Fit-18 ta' April 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn tmien mitt porzjon (1/800) (a fol. 150 sa 153).

Fil-5 ta' Novembru 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ flimkien ma' żwieġhom, **biss pero' ma hemmx indikat l-ammont akkwistat u hu verament diffiċli biex wieħed jiddeċifra dan il-porzjon mill-informazzjoni illi tinsab fil-proċess peress illi tali informazzjoni ma hix daqstant ċara** (a fol. 183 sa 185).

Fil-21 ta' Novembru 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn elf u mitejn porzjon (1/1200), flimkien ma' żwieġhom (a fol. 196 sa 198).

Fid-9 ta' April 2003, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn mitt porzjon (1/100), flimkien ma' żwieġhom (a fol. 216 sa 218).

Fis-27 ta' Settembru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn elf porzjon (1/1000) flimkien ma' żwieġhom (a fol. 190 sa 192).

Fit-30 ta' Settembru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn seba' mitt porzjon (1/700) flimkien ma' żwieġhom (a fol. 173 sa 174).

Fit-28 ta' Ottubru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn ħames mija u sitt mitt porzjon (1/5600) (a fol. 164 sa 165).

Fl-20 ta' Jannar 2005, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tlieta minn ħdax-il elf u mitejn porzjon (3/11200), flimkien ma' żwieġhom (a fol. 169 sa 170).

Fl-24 ta' Lulju 2006, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn tmien mitt porzjon (1/800) flimkien ma' żwieġhom (a fol. 181 sa 182).

Jidher illi kien hekk kuntratt ta' korrezzjoni datat 21 ta' Diċembru 2006 fl-atti

tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, illi jirreferi għall-kuntratt ta' bejgħ datat 18 ta' Ottubru 2000, biss dan it-tali kuntratt ta' bejgħ **ma jinsabx fil-proċess** (a fol. 207 sa 213). Fil-kuntratt ta' korrezzjoni datat 21 ta' Diċembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, ma hemmx indikat il-porzjon li kien akkwistat mill-atturi b'dan illi għaldaqstant, tali porzjon ma setax ikun ikkalkulat minn din il-Qorti.

Fl-24 ta' Jannar 2007, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (u li hi mart Raphael Azzopardi) (I.D. 405847M) għall-ammont ta' mitejn u disgħa u sittin minn erbatax-il elf u erba' mitt porzjon (269/14400) (a fol. 140 sa 141).

Fl-10 ta' Lulju 2007, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-atturi Charles Attard (I.D. 50242M), Joseph Attard (I.D. 682840M) u Carmen Azzopardi (I.D. 405847M) akkwistaw b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' disgħa mija u tlieta u tmenin minn erbgħa u għoxrin porzjon (983/24000) (a fol. 200 sa 201).

Il-kuntratt a fol. 224 sa 227 **ma hux facilment legibbli u l-anqas ma ma hux hu facilment decefribbli l-kwoti kif indikati fil-kwantita' ta' postilli miktuba bl-idejn.**.

**B'dan illi għaldaqstant it-total globali f'ersentaġġ hekk kif ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fil-proċess jammonta għal 9.1306%.**

Fir-rigward tal-Attriċi Tania Deguara, din il-Qorti tinnota illi hi dejjem akkwistat

flimkien ma' żewġha, għalkemm tali persuna mhiex parti mill-okkju tal-kawża.

Fir-rigward tal-attriċi Tania Deguara (I.D. 962546M), din il-Qorti kellha a dispożizzjoni tagħha mill-partijiet l-imsemmija kuntratti:

Fl-4 ta' Lulju 2000, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tlieta minn tmien mitt porzjon (3/800) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 145 sa 149).

Fit-12 ta' Lulju 2000, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn tmint elef u erba' mitt porzjon (1/8400) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 193 sa 195).

Fit-18 ta' April 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn tmien mitt porzjon (1/800) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 150 sa 153).

Fil-5 ta' Novembru 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M), **biss pero' ma hemmx indikat l-ammont akkwistat u hu verament diffiċli biex wieħed jiddeċifra dan il-porzjon mill-informazzjoni illi tinsab fil-proċess** (a fol. 183 sa 185).

Fil-21 ta' Novembru 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-attriċi

Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn elf u mitejn porzjon (1/1200), flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 196 sa 198).

Fid-9 ta' April 2003, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tnejn minn mitt porzjon (2/100), flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 216 sa 218).

Fit-28 ta' Ottubru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn ħames mija u sitt mitt porzjon (1/5600) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (a fol. 164 sa 165).

Fis-27 ta' Settembru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn elf porzjon (1/1000) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 190 sa 192).

Fit-30 ta' Settembru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn seba' mitt porzjon (1/700) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 173 sa 174).

Fit-28 ta' Ottubru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta'

wieħed minn sitta u tletin elf porzjon (1/36,000) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 164 sa 165).

Fl-20 ta' Jannar 2005, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' tlieta minn ħdax-il elf u mitejn porzjon (3/11200) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 169 sa 170).

Fit-12 ta' Mejju 2005, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn ħdax-il elf u mitejn porzjon (1/11200) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 166 sa 167).

Fl-24 ta' Lulju 2006, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ l-ammont ta' wieħed minn tmien mitt porzjon (1/800) flimkien ma' żewġha Frank Deguara (I.D. 470146M) (a fol. 181 sa 182).

Jidher illi kien hekk kuntratt ta' korrezzjoni datat 21 ta' Diċembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, illi jirreferi għall-kuntratt ta' bejgħ datat 18 ta' Ottubru 2000, biss dan it-tali kuntratt ta' bejgħ **<u>ma jinsabx fil-proċess</u>** (a fol. 207 sa 213**). Fil-kuntratt ta' korrezzjoni datat 21 ta' Diċembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, ma hemmx indikat il-porzjon li kien akkwistat mill-atturi b'dan illi għaldaqstant, tali porzjon ma setax ikun ikkalkulat minn din il-Qorti.**

Fl-24 ta' Jannar 2007, fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Vella Zarb, l-attriċi Antoinette sive Tania Deguara (I.D. 962546M) akkwistat b'titolu ta' bejgħ flimkien ma' żewġha Frank Deguara għall-ammont ta' mitejn u disgħa u sittin minn erbatax-il elf u erba' mitt porzjon (269/14400) (a fol. 140 sa 141).

B'dan illi għaldaqstant it-total globali f'persentaġġ hekk kif ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fil-proċess **jidher** li jammonta għal 4.374%.

Ukoll, b'dan illi għaldaqstant it-total globali f'persentaġġ tal-atturi hekk kif ippreżentat mill-atturi fil-kawża **jidher** li jammonta għal 65.94%. Iżda, din il-

**b. Il-porzjon tal-konvenuti**

Il-konvenuti msemmija fil-kawża akkwistaw porzjon mill-proprjetajiet imsemmija taħt il-paragrafu wieħed minn wirt tul is-snin u għadhom is-sidien ta' tali porzjonijiet sakemm ma jkunux biegħu sehemhom lil terzi persuni, bħal fost oħrajn Helen Zerafa.

Minn tali bejgħ li saru mill-konvenuti kien biss persuna waħdanija, li ma hix la attriċi u anqas konvenuta, illi akkwistat b'titolu ta' bejgħ parti minn dawn it-tliet proprjetajiet mertu tal-kawża u li tali informazzjoni kienet infurmata biha l-Qorti tul is-smiegħ tal-kawża. Fil-fatt, il-konvenuti ppreżentaw permezz ta' nota l- kuntratt datata l-10 ta' Diċembru 2014, fejn fl-atti tan-Nutar Dr. Daniel John Bugeja, Rhys Lee Buttigieg akkwista b'kuntratt ta' bejgħ l-ammont ta' tmienja u għoxrin minn mitt porzjon (28/100) (a fol. 533 sa 537).

L-avukati tal-partijiet ippreżentaw nota fil-11 ta' Mejju 2023, u li qiegħda a fol.

560 u 561, illi turi l-persentaġġ illi għandhom il-konvenuti. **Biss Rhys Lee Buttigieg ma hux indikat f'din in-nota.** *Stante* illi l-partijiet qed jaqblu fuq il-persentaġġi f'dan is-sens, il-Qorti hi konvinta illi hemm xi kuntratti li ma ġewx esebiti quddiemha. Għaldaqstant tikkunsidra n-nota ippreżentata u li tinsab a fol. 560 u 561, ma' liema nota jrid jiżdied l-ammont akkwistat minn Rhys Lee Buttigieg u d-differenza fil-persentaġġ jidher illi hi tal-atturi, biex ghalhekk persentaġġ irid ikun ukoll maqsum bejn l-atturi kif indikat minnhom stess. Pero' sabiex din il-Qorti tkun ekwa u ġusta, irid ikollha quddiemha il-persentaġġi kkorroborati sew bil-kuntratti illi l-partijiet jressqu bħala prova tat-titolu tagħhom.

Waqt li qed teżamina l-proċess, il-Qorti rriskontrat diversi dokumenti u kuntratti, li huma neċessarji u meħtieġa għar-raġġunġiment tal-kwoti preċiżi tal-partijiet, li ma kinux leġibbli jew mhux kompluti jew skorretti ġieli anke impreċiżi. Dan ifisser, li x'aktarx il-kwoti, partikularment dawk tal-Atturi jistgħu ikunu aktar u għalhekk l-enfazi fuq l-użu tal-kelma "**jidher"** fuq indikata.

Għaldaqstant, il-kwoti raġġunti minn din il-Qorti f'din is-Sentenza ma jagħmlux ġustizzja mal-partijiet. Fil-fatt, din il-Qorti tinnota, li għalkemm l-affidavit ta' Carmel Attard (I.D. 50242M) datat 14 ta' Marzu 2022 kienu spjegati b'dettal il-persentaġġi minn naħa l-oħra l-provi kienu mankanti. L-Affidavit waħdu ma hux biżżejjed, irid ikun ukoll sorrett mill-provi, li f'dan il-każ, il-parti kbira tagħhom kienu dokumentali u li kif rajna, b'uħud minnhom ma kienu xejn sodisfaċenti. Importanti illi tali spjegazzjoni tkun ukoll ikkorroborata bil-kuntratti wara xulxin u li jindikaw b'mod ċar il-porzjon li jkun

akkwistat il-parti.

Minħabba f'hekk din il-Qorti ser tkun qed tillibera mill-osservanza lill-konvenuti, fid-dawl ta' dawn il-mankanzi. B'hekk jekk l-Atturi jkunu jridu jipproponu t-talba tagħhom dan ikunu jistgħu jagħmluh b'għajnejhom miftuħin b'dak li kkonstatat din il-Qorti.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet Attriċi u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes tal-Kawża għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**